# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar 2023**

**Talba Nru: 302/22 JG**
**Numru fuq il-lista: 18**

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited [C 10865]**

**Vs**

**Alviro Valentino Borg Buontempo [K.I. 98686M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha l-ammont ta' disa' mija u seba' Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€907.57ċ) rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż, inkluż affidavit ta' Dr. Jeremy Debono[2];

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2022[3], meta deher il-konvenut u ammetta t-Talba fil-konfront tiegħu. Din l-ammissjoni seħħet taħt ġurament[4].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, il-konvenut f'dawn il-proċeduri għażel li jammetti t-talba fil-konfront tiegħu[5]. Huwa ndubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*"[6]. Għalhekk, f'każ fejn din iseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista biss jilqa' t-talba. Jiġi wkoll mfakkar li meta s-seħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[7].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

---

[2] Dokumenti huma mmarkati bħala Dok X1, X2 u X3.

[3] Verbal relattiva jinsab a fol 12 tal-proċess.

[4] Xhieda relattiva tibda a fol 13 tal-proċess.

[5] Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[6] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **<u>Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,</u>** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.

[7] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Maria Grima vs Alfret Attard et</u>**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020. Inċidentalment, saret referenza (u dak hemm deċiż reġa ġie kkonfermat) għal din is-sentenza riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **<u>HSBC Bank Malta p.l.c. vs Lawrence Grima et,</u>** (Rik Ġur Nru: 646/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2021.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' disa' mija u seba' Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€907.57ċ) bl-imgħax legali mill-1 ta' Frar 2020[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[8] Data tal-aħħar fattura kif indikat fir-rendikont li jinsab a fol 6 tal-proċess.